

31996L0087

24.12.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 335/45

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 96/87/KE****tat-13 ta' Diċembru 1996**

**li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE dwar l-aprossimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward it-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija**

(Test b'referenza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE tat-23 ta' Lulju 1996 fuq l-aprossimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward tat-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija (<sup>1</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Billi r-Regolamenti dwar it-trasport internazzjonali ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija, normalment magħrufa bħala RID, kif emendati għandhom ikunu meħmuża mad-Direttiva 96/49/KE bħala l-Anness u jkunu applikabbli mhux biss għat-trasport bejn il-fruntieri, iżda wkoll għat-trasport ġewwa l-Istati Membri individwali;

Billi l-Anness tad-Direttiva 96/49/KE fih ir-RID kif applikabbli mill-1 ta' Jannar 1995;

Billi r-RID jiġu aġġornati kull sentejn u għalhekk verżjoni emodata għandha tkun fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 1997;

Billi skond l-Artikolu 8, il-modifiki meħtieġa kollha għall-adattament mal-progress xjentifiku u tekniku fil-kamp kopert mid-Direttiva u bil-għan li jiġu allineati mar-regoli l-ġoddha għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabilita fl- l-Artikolu 9;

Billi jeħtieġ li wieħed jadatta s-settur għar-regoli ġoddha tar-RID u għalhekk li wieħed jemenda l-Anness tad-Direttiva 96/49/KE;

Billi l-miżuri previsti fid-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat provduta bl-Artikolu 9 tad-Direttiva 96/49/KE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

**L-Artikolu 1**

L-Anness tad-Direttiva 96/49/KE qiegħed jiġi mmodifikat kif ġej:

"L-Anness jinkludi d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar it-trasport internazzjonali ta' l-merkanzija perikoluża bil-

ferrovja (RID), li jidħru fl-Anness I ta' l-Appendiċi B għall-Cotif, kif applikabbli b-effett mill-1 ta' Jannar 1997, bil-ftehim li 'il-Partijiet Kontraenti' u 'l-Istati jew il-ferroviji' jinbidli ma' 'l-Istat Membri'.

NB: Il-verżjonijiet tar-RID fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità għandhom jiġu ppublikati hekk kif t-test bil-lingwi kollha jkun lest."

**L-Artikolu 2**

1. L-Istati Membri għandhom idħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Jannar 1997. Huma għandhom jininformaw minnufiħ lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandu jkun hemm magħhom referenza simili fl-okkażjoni tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif isiru dawn ir-referenzi għandhom jiġu stabiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp irregolat minn din id-Direttiva.

**L-Artikolu 3**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ l-ġħada tal-publikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

**L-Artikolu 4**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi Brussel, fit-13 ta' Diċembru 1996.

*Għall-Kummissjoni*

Neil KINNOCK  
Membru tal-Kummissjoni

(<sup>1</sup>) ĠU L 235, tas-17.9.1996, p. 25.